MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Numru 467/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**MAILOOD MOFTAH MAOLOD**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Mailood Moftah Maolod ta’ 23 sena, iben Moftah u Mubarka Abdallah, imwieled Tripoli, Libja, fit-18 ta’ Ottubru 1986, residenti gewwa l-fond numru 85, Carmen, Flat 1, Triq Manuel Dimech, Sliema u detentur tal-Passaport Libjan bin-numru 139940.

Illi huwa akkuzat talli nhar is-7 ta’ Mejju 2010, ghall-habta tal-17:15hrs, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-fond Solid Gold, Ix-Xatt, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ gizirana tad-deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u

li sehh ghad-detriment ta’ Anthony Saliba u/jew ta’ persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.5) u dak ta’ l-imputat (a fol.6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 13 ta’ Mejju, 2010 (a fol. 7);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Mailood Moftah Maolod hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 267, 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat u l-fatt illi l-imputat radd lura r-res furtiva lil kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------